**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 12 ta' Ottubru 2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Nathan Camilleri**
**(ID 85494(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Nathan Camilleri ta' 32 sena, iben Joseph u Shirley nee` Exly, imwieled l-Ingilterra, fl-20 ta' Settembru 1976 u joqghod 53, Triq San Gwann, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 85494(M);

Akkuzat talli fl-10 ta' Frar 2007, ghall-habta ta' 11.55 p.m., bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-hanut Boozer Pub li jinsab fi Triq il-Kbira, San Guzepp, Hamrun:

(1) Zamm jew ippermetta li jinzamm l-imsemmi hanut miftuh wara l-hin tal-eghluq u mhux skond il-kundizzjonijiet tal-licenza tal-imsemmi hanut;

(2) Bil-lejl, kiser jew ippermetta li jinkiser il-mistrieh tan-nies permezz ta' daqq ta' muzika b'volum gholi;

(3) U aktar talli naqas li jkun prezenti fl-imsemmi hanut.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' kundanna tordna lil Nathan Camilleri ihallas multa ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 43 tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2015, id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni stante illi fil-fehma taghha, ma jirrizultax illi l-imputat gie notifikat fit-terminu preskritt mil-ligi.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat gie akkuzat fl-ewwel lok talli zamm jew ippermetta li jinzamm hanut miftuh wara l-hin tal-eghluq bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenza tal-imsemmi hanut u dan ai termini tal-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond il-proviso ghall-istess artikolu tal-ligi, il-piena applikabbli f'dan il-kaz hija dik tal-multa, kif ukoll fil-kaz imsemmi fl-istess proviso, ghal zmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux izjed minn tliet snin. La darba din tal-ahhar hija piena li tikkontempla l-ligi fil-proviso imsemmi, hija proprju din il-piena li ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-Qorti ghal fini ta' preskrizzjoni. Kif jghid il-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar il-procedura kriminali: *"the punishment to which regard is had is that prescribed by the law in the abstract and not to that actually incurred by the offender*".[1] Dan ifisser illi ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9, l-azzjoni hija preskritta bl-eghluq ta' hames snin. Jirrizulta mill-atti illi l-ewwel riferta tan-notifika tal-imputat li giet esebita (u dan sabiex l-imputat jidher quddiem il-Qorti fis-27 ta' April 2007), thalliet ma' missier l-imputat gewwa l-Boozer Bar. Ai termini tal-Artikolu 362 tal-Kap. 9, ic-citazzjoni ghandha tinghata f'idejn il-persuna li ghandha tigi mharrka jew inkella, jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab facilment, ic-citazzjoni ghandha tithalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqghod. Jidher car illi f'dan il-kaz, ic-citazzjoni ma thallietx la f'idejn l-imputat u lanqas fid-dar fejn huwa soltu joqghod, izda thalliet ma' missieru gol-bar imsemmi u ghaldaqstant, din ma tistax tigi meqjusa bhala notifika valida. It-tieni riferta esebita in atti thalliet ma' missier l-imputat, izda mhux car ezattament fejn din thalliet ghaliex ir-riferta tindika zewg indirizzi – wiehed tar-residenza tal-imputat u l-iehor tal-imsemmi bar. Ghaldaqstant, lanqas ma jista' jinghad li din in-notifika hija wahda valida. Sussegwentement, madankollu, l-imputat deher quddiem il-Qorti ghall-ewwel darba fit-28 ta' April 2009. Bil-presenza tieghu f'din is-seduta, l-imputat kien qed jikkonferma n-notifika tieghu u jissottometti ruhu ghall-

[1] *Notes on Criminal Procedure*, p. 35.

gudizzju tal-Qorti. F'din id-data, it-terminu tal-preskrizzjoni kien ghadu ma skadiex u kwindi l-azzjoni ma kinitx preskritta.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat bir-reat kontravvenzjonali ai termini tal-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat, skond l-Artikolu 688(f) tal-Kap. 9, huwa preskrivibbli fi zmien tliet xhur. Stante illi kif inghad izjed 'il fuq, l-ewwel data li tista' torbot maghha l-Qorti ghal fini ta' notifija, hija dik tat-28 ta' April 2009, jirrizulta illi din l-imputazzjoni hija preskritta.

In kwantu jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, ossia illi l-imputat naqas li jkun prezenti fl-imsemmi hanut, il-Qorti tinnota illi dan il-fatt, jekk pruvat, ma jammontax ghal reat. Il-ligi ma tikkontempla l-ebda reat f'dan is-sens, izda bil-fatt illi persuna jkollha licenza f'isimha, dik l-istess persuna tidhol responsabbli ghall-osservanza tal-ligijiet kollha konnessi max-xoghol jew in-negozju li ghalih tkun tirreferi dik il-licenza. Dan ma jfissirx li tali persuna trid tkun prezenti l-hin kollu fl-istess stabbiliment, izda li anke fl-assenza taghha, tali persuna tibqa' responsabbli sabiex tara li l-kundizzjonijiet imposti mil-licenza u l-ligijiet applikabbli ghall-istess, jigu dejjem osservati.

Issa permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat talli fl-10 ta' Frar 2007, ghall-habta ta' 11.55 p.m., huwa zamm jew ippermetta li jinzamm l-imsemmi hanut miftuh wara l-hin tal-eghluq u ghalhekk mhux skond il-kundizzjonijiet tal-licenza. Fl-affidavit tieghu, **PS 201 Sandro Magro** qal illi fil-jum in kwistjoni, saret spezzjoni gewwa l-hanut 'Boozers Pub' minnu u minn PC 224 ghall-habta ta' 23.55hrs. Skond l-istess xhud, gie nnutat illi dan il-hanut kien ghadu miftuh barra l-hin stipulat mil-ligi. Fih kien hemm certu Gilbert Dimech, mentri l-proprjetarju, certu Nathan Camilleri, ma kienx prezenti. Dimech gie ordnat jitfi l-muzika u jaghlaq. Dan gie kkonfermat ukoll minn **PC 224 Jason Farrugia** fl-affidavit tieghu.

Jirrizulta car mix-xhieda tar-rapprezentant tal-*Malta Tourism Authority*, il-Prokuratur Legali Quentin Tanti, illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien detentur tal-licenza tal-istabbiliment in kwistjoni u li l-hin li fih kellu jaghlaq l-istess stabbiliment kien fis-1.00 a.m. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' kundizzjoni specjali fil-licenza, li permezz taghha jkun hemm estensjoni fil-hin tal-eghluq, il-hin li tistabilixxi l-ligi bhala l-hin tal-eghluq huwa proprju s-1.00 a.m. (ara t-Tielet Skeda tal-L.S. 441.07, Taqsima II, Regolament 36.03). F'dan il-kaz, jirrizulta mill-affidavit tal-Ufficjali tal-Pulizija fuq imsemmija, illi l-ispezzjoni saret minnhom f'11.55 p.m. u l-imputazzjoni odjerna tirreferi proprju ghal dan il-hin. Ghalhekk

ma jirrizultax illi l-istabbiliment inzamm miftuh wara l-hin tal-eghluq, izda li kien ghadu miftuh f'hin li kien permess lilu li jkun ghadu miftuh.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, kif diga` inghad izjed 'il fuq, il-Qorti tqis illi ma gie kommess l-ebda reat mill-imputat bil-fatt li ma kienx prezenti fl-istabbiliment fil-hin in kwistjoni. Semmai bhala detentur tal-licenza, l-imputat kien responsabbli li jaccerta ruhu li l-kundizzjonijiet tal-licenza u l-ligi rigwardanti l-istess, jigu osservati, anke jekk ma kienx prezenti fl-istess fond dak il-hin. Il-fatt li huwa halla f'idejn persuna ohra sabiex dan jiehu hsieb l-istabbiliment, bl-ebda mod ma ezonerah mill-obbligi tieghu. Madankollu, l-ewwel imputazzjoni, kif diga` inghad, ma gietx sodisfacentement ippruvata, fil-waqt illi t-tieni wahda hija preskritta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom u tiddikjara t-tieni imputazzjoni bhala preskritta u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat